SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Ġunju 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Prodotti bijoċidali – Regolament (UE) Nru 528/2012 – Artikolu 72 – Diżinfettant li fih il-prodotti bijoċidali – Restrizzjonijiet għar-reklamar – Kunċett ta' 'kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]' – Għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll tal-ambjent"

Fil-Kawża C-296/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' April 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Mejju 2023, fil-proċedura

Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV

vs

dm-drogerie markt GmbH & Co. KG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz, P. G. Xuereb (Relatur), A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għaż-Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV, minn C. Rohnke, Rechtsanwalt,

– għal dm-drogerie markt GmbH & Co. KG, minn O. Bludovsky u D. Braunwarth, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Estonjan, minn M. Kriisa, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Elleniku, minn E. Leftheriotou u A.-E. Vasilopoulou, bħala aġenti,

– għall-Gvern Litwan, minn V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lindenthal u M. Noll-Ehlers, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU 2012, L 167, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2017, L 280, p. 57 u fil-ĠU 2023, L 71, p. 43).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV (l-Assoċjazzjoni għall-Ġlieda Kontra l-Kompetizzjoni Żleali, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem iż-"ZBUW") u dm-drogerie markt GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "dm"), katina ta' spiżeriji li topera fit-territorju Ġermaniż kollu, dwar id-deskrizzjoni ta' prodott bijoċidali fir-reklamar tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessi 1, 3, 53 u 61 tar-Regolament Nru 528/2012:

"(1) Il-prodotti bijoċidali huma meħtieġa għall-kontroll ta' organiżmi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u għall-kontroll ta' organiżmi li jikkawżaw ħsara lill-materjali naturali jew manifatturati. Madankollu, il-prodotti bijoċidali jistgħu joħolqu riskji għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom u l-modi ta' użu assoċjati magħhom.

[…]

(3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb il-moviment liberu tal-prodotti bijoċidali fl-Unjoni [Ewropea] waqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll għall-ambjent. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli, bħan-nisa tqal u t-tfal. Dan ir-Regolament għandu jkun sostnut mill-prinċipju ta' prekawzjoni sabiex jiġi żgurat li l-manifattura u t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq ta' sustanzi attivi u prodotti bijoċidali ma jirriżultawx f'effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew f'effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent. Bil-ħsieb li jitneħħew kemm jista' jkun l-ostakoli għall-kummerċ tal-prodotti bijoċidali,

għandhom jiġu stabbiliti regoli għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, inklużi regoli dwar ir-rikonoxximent komuni tal-awtorizzazzjonijiet u dwar il-kummerċ parallel.

[…]

(53) Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar u sabiex tiġi pprovduta informazzjoni ġenerali dwar l-użu tagħhom, l-oġġetti ttrattati għandhom ikunu ttikkettati b' mod xieraq.

[…]

(61) Il-komunikazzjoni effettiva tal-informazzjoni dwar irriskji li jirriżultaw mill-prodotti bijoċidali u l-miżuri tal-immaniġġar tar-riskju hija parti essenzjali mis-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament. […]".

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Għan u suġġett", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

"L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, li l-għan tiegħu hu li jkunu salvagwardjati s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħarsien ta' gruppi vulnerabbli".

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", huwa redatt kif ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'prodott bijoċidali' tfisser

– kwalunkwe sustanza jew taħlita, fl-għamla li jiġu fornuti lill-utent, li jikkonsistu minn, li fihom jew li jiġġeneraw sustanza attiva waħda jew aktar, bl-intenzjoni li jeqirdu, jimpedixxu, jrendu mhux dannuż, jipprevjenu l-azzjoni ta', jew li jeżerċitaw b'mod ieħor effett ta' kontroll fuq kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċement fiżika jew mekkanika;

– kwalunkwe sustanza jew taħlita, iġġenerata minn sustanzi jew taħlitiet li huma stess ma jaqgħux taħt lewwel inċiż, li huma maħsubin biex jintużaw bl-intenzjoni li jeqirdu, jimpedixxu, jrendu mhux dannuż, jipprevjenu l-azzjoni ta', jew li jeżerċitaw b'mod ieħor effett ta' kontroll fuq kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċement fiżika jew mekkanika.

Oġġett ittrattat li għandu funzjoni bijoċidali primarja għandu jitqies bħala prodott bijoċidali.

[…]

(y) 'reklamar': 'reklam' tfisser mezz għall-promozzjoni tal-bejgħ jew l-użu ta' prodotti bijoċidali permezz ta' media stampata, elettronika jew mod ieħor;

[…]".

6 L-Artikolu 17 tal-istess regolament, intitolat “It-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prodotti bijoċidali”, jipprovdi:

“1. Il-prodotti bijoċidali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw sakemm ma jkunux awtorizzati skont dan ir-Regolament.

[…]

5. Prodotti bijoċidali għandhom jintużaw skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 22(1) u r-rekwiżiti ta’ ttikkettar u imballaġġ stipulati fl-Artikolu 69.

L-użu korrett għandu jinvolvi l-applikazzjoni razzjonali ta’ għaqda fiżika, bijoloġika, kimika jew ta’ miżuri oħra skont il-każ, li bihom l-użu tal-prodotti bijoċidali jiġi limitat għall-minimu meħtieġ u jittieħdu l-passi ta’ prekawzjoni adatti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jagħtu lill-pubbliku l-infomazzjoni adatta dwar il-benefiċċji u r-riskji assoċjati mal-prodotti bijoċidali u l-modi ta’ kif għandu jitnaqqas l-użu tagħhom.

[…]”.

7 Il-Kapitolu XV tar-Regolament Nru 528/2012, intitolat “Informazzjoni u Komunikazzjoni”, jinkludi fit-Taqsima 2 tiegħu, intitolata “Informazzjoni dwar il-prodotti bijoċidali”, l-Artikoli 69 sa 73.

8 L-Artikolu 69 ta’ dan ir-regolament intitolat “Klassifikazzjoni, imballaġġ u tikkettar tal-prodotti bijoċidali”, jipprovdi:

“1. Id-detenturi ta’ awtorizzazzjoni għandhom jiżguraw li prodotti bijoċidali huma kklassifikati, imballati u ttikkettjati skont is-sommarju approvat tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali, b’mod partikolari d-dikjarazzjonijiet dwar periklu u d-dikjarazzjonijiet dwar prekawzjoni, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 22(2), u d-Direttiva 1999/45/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonjijiet perikolużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 24, p. 109),] u, fejn applikabbli, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 16, p. 1, fil-ĠU 2016, L 349, p. 1, u fil-ĠU 2019, L 117, p. 8)].

Barra minn hekk, il-prodotti li wieħed jista’ jaħsibhom ikel, inkluż xorb, jew għalf għandhom jiġu mballati b’tali mod li titnaqqas il-possibbiltà li jsir tali żball. Jekk ikunu disponibbli għall-pubbliku ġenerali, għandhom jinkludu komponenti li jiskoraġġixu l-konsum tagħhom u, b’mod partikolari, ma għandhomx ikunu attraenti għat-tfal.

2. Barra mill-konformità mal-paragrafu 1, id-detenturi ta’ awtorizzazzjoni għandhom jiżguraw li t-tikketti ma għandhomx iqarrqu fir-rigward tar-riskji tal-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew tal-effikaċja tiegħu u, fi kwalunkwe każ, ma

għandhomx isemmu l-indikazzjonijiet 'prodott bijoċidali ta' riskju baxx', 'mhux tossiku', 'ma jagħmilx ħsara', 'naturali', 'favur l-ambjent', 'favur l-annimali' jew indikazzjonijiet simili. […]

[…]".

9 Skont l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 528/2012, intitolat "Reklamar":

"1. Kwalunkwe reklam għal prodotti bijoċidali għandu, barra milli jkun konformi mar-Regolament [Nru 1272/2008], jinkludi s-sentenzi 'Uża s-sustanzi bijoċidali b'mod sikur. Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah.'. Is-sentenzi għandhom ikunu jingħarfu b'mod ċar u li jinqraw b'relazzjoni għar-reklam kollu.

2. Dawk li jirreklamaw jistgħu jissostitwixxu l-kliem 'sustanzi bijoċidali' fis-sentenzi preskritti b'referenza ċara għat-tip ta' prodott li jkun qiegħed jiġi rreklamat.

3. Ir-reklami għall-prodotti bijoċidali ma għandhomx jirriferu għall-prodott b'manjiera li tqarraq fir-rigward tar-riskji mill-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew tal-effikaċja tiegħu. Fi kwalunkwe każ, irreklamar ta' prodott bijoċidali ma għandux isemmi 'prodott bijoċidali ta' riskju baxx', 'mhux tossiku', 'mhux ta' ħsara', 'naturali', 'favur l-ambjent', 'favur l-annimali' jew kwalunkwe indikazzjoni simili".

Id-dritt Ġermaniż

10 L-Artikolu 3 tal-Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (il-Liġi kontra l-Kompetizzjoni Żleali), tat-3 ta' Lulju 2004 (BGB1. 2004 I, p. 1414), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprevedi projibizzjoni ta' aġir kummerċjali żleali.

11 Skont l-Artikolu 3a ta' din il-liġi, intitolat "Ksur tad-dritt":

"Kull min jikser dispożizzjoni legali intiża, b'mod partikolari, sabiex tirregola l-aġir fis-suq fl-interess tal-atturi tiegħu, iwettaq aġir żleali, peress li dan il-ksur jista' jaffettwa sostanzjalment l-interessi tal-konsumaturi, tal-atturi l-oħra tas-suq u tal-kompetituri".

12 L-Artikolu 8 tal-imsemmija liġi, intitolat "Eliminazzjoni u ommissjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull prattika kummerċjali illeċita skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 7 tista' twassal għal ordni ta' waqfien u, f'każ ta' riskju ta' reċidiva, għal ordni ta' astinenza jew projbizzjoni. […]".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li dm kienet tipproponi għall-bejgħ, inkluż fuq l-internet, diżinfettant imsejjaħ "BioLYTHE" (iktar 'il quddiem il-"prodott inkwistjoni"). It-tikketta mwaħħla fuq dan il-prodott kienet tinkludi, taħt l-isem tiegħu, l-indikazzjonijiet "Diżinfettant ekoloġiku universali b'firxa wiesgħa", "Diżinfettar tal-ġilda, tal-idejn u tas-superfiċji", "Effikaċi kontra s-SRAS-Corona" kif ukoll "Jirrispetta l-ġilda • Bio • mingħajr alkoħol".

14 Peress li qieset li dan kien reklamar żleali minħabba allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn naħa ta' dm, skont ir-regoli ta' aġir fis-suq ikkonċernat previsti mir-Regolament Nru 528/2012, u wara li bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil dm iżda mingħajr suċċess, iż-ZBUW ippreżentat rikors quddiem il-Landgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali ta' Karlsruhe, il-Ġermanja) intiż, essenzjalment, sabiex dm tiġi ordnata, taħt piena ta' ċerti miżuri ta' pagamenti ta' penalità, li tieqaf tindika jew tikkummerċjalizzaw il-prodott inkwistjoni bħala "Diżinfettant ekoloġiku universali b'firxa wiesgħa" u/jew "jirrispetta il-ġilda" u/jew "bio" fir-reklamar jew fuq it-tikketta ta' dan il-prodott.

15 Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, dik il-qorti laqgħet dan ir-rikors.

16 Din is-sentenza kienet is-suġġett ta' appell ippreżentat minn dm quddiem l-Oberlandesgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Karlsruhe, il-Ġermanja), li rriformatha parzjalment. Dik il-qorti kkonstatat qabelxejn li l-prodott inkwistjoni kien jikkostitwixxi prodott bijoċidali, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 528/2012, u li l-indikazzjonijiet ikkontestati li jinsabu fuq it-tikketta ta' dan il-prodott, b'mod partikolari l-indikazzjoni "jirrispetta l-ġilda", kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "reklamar", kif iddefinit fl-Artikolu 3(1)(y) ta' dan ir-Regolament Nru 528/2012 u rregolat mill-Artikolu 72 tal-imsemmi regolament.

17 L-imsemmija qorti qieset li l-indikazzjonijiet elenkati fit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 għandhom inkomuni l-fatt li jnaqqsu s-sinjifikat, fil-forma ta' affermazzjoni ġenerali, tar-riskji li l-prodott bijoċidali jista' jkollu għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu. Għalhekk, huma koperti mill-kunċett ta' "indikazzjoni simili", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-indikazzjonijiet dwar ir-riskji tal-prodott bijoċidali li, sa fejn jnaqqsu s-sinjifikat tal-imsemmija riskji b'mod ġenerali, huma komparabbli mal-indikazzjonijiet iċċitati bħala eżempju fl-imsemmija dispożizzjoni.

18 F'dan il-kuntest, l-istess qorti kkonkludiet li l-indikazzjoni "jirrispetta l-ġilda", użata minn dm għall-prodott ikkonċernat, ma kinitx tikkostitwixxi "indikazzjoni simili", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012. Fil-fatt, din l-indikazzjoni ma tnaqqasx s-sinjifikat tar-riskju tal-prodott inkwistjoni, l-effetti tiegħu jew il-kapaċità ta' ħsara ta' dawn tal-aħħar (bħall-indikazzjonijiet "prodott bijoċidali ta' riskju baxx", "mhux tossiku", "mhux ta' ħsara") la b'mod ġenerali u lanqas, tal-inqas, speċifikament f'dak li jirrigwarda, b'mod globali, is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent. Skont l-Oberlandesgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Karlsruhe), l-indikazzjoni "jirrispetta l-ġilda" tiddeskrivi, għalkemm b'mod ġenerali ħafna, l-effett tal-prodott inkwistjoni fuq organu speċifiku, jiġifieri fuq l-ġilda tal-bniedem.

19 Iż-ZBUW ippreżentat rikors għal reviżjoni kontra din is-sentenza tal-Oberlandesgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Karlsruhe) quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju.

20 Din il-qorti tqis, qabelxejn, li l-formulazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 ma tippermettix, waħedha, li tingħata risposta għad-domanda dwar x'għandu jinftiehem b'"indikazzjoni simili", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Madankollu, hija tqis li l-għan tal-imsemmija dispożizzjoni kif ukoll l-interazzjoni tagħha mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament jimmilitaw favur l-approċċ adottat mill-Oberlandesgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Karlsruhe).

21 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-indikazzjonijiet imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 huma pprojbiti fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn jistgħux iqarrqu lill-utent fir-rigward tar-riskji li dawn il-prodotti jista' jkollhom għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom. F'dan ir-rigward, din il-qorti tqis, bħall-Oberlandesgericht Karlsruhe (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Karlsruhe), li dan ir-regolament ma huwiex intiż li jipprojbixxi purament u sempliċement, fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali, l-indikazzjonijiet li jirrigwardaw il-preżenza u, jekk ikun il-każ, l-importanza jew l-assenza ta' wħud minn dawn ir-riskji, u dan indipendentement mill-veraċità ta' dawn l-indikazzjonijiet, li għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-projbizzjoni ta' qerq tal-utent, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 72(3) tal-imsemmi regolament.

22 Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, it-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 ma teskludix indikazzjonijiet awtorizzati, li b'mod partikolari ma humiex qarrieqa, fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali indikazzjonijiet speċifiċi, inklużi dawk issostanzjati, li jirreferu għall-assenza ta' riskji jew għal riskju baxx ta' tali prodotti, jew għall-effetti pożittivi tagħhom f'ċerti aspetti. Dik il-qorti tippreċiża f'dan ir-rigward li l-indikazzjonijiet ġenerali għandhom, l-iktar l-iktar, valur informattiv dgħajjef għall-konsumaturi jew ma għandhom l-ebda valur informattiv. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija indikazzjonijiet speċifiċi sostnuti jipprovdu lill-konsumaturi informazzjoni importanti u utli. Issa, ikun xieraq li dan l-interess tal-konsumaturi jiġi integrat fl-informazzjoni dwar il-bilanċ speċifiku bejn il-moviment liberu tal-prodotti bijoċidali u r-riċerka ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll tal-ambjent li dan ir-regolament ifittex li jistabbilixxi.

23 Il-qorti tar-rinviju hija għalhekk tal-fehma li l-kunċett ta' "indikazzjoni simili", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-karatteristiċi komuni kollha għat-termini ċċitati bħala eżempju f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri mhux biss in-natura tagħhom li tnaqqas is-sinjifikat tar-riskju, iżda wkoll in-natura ġenerali tagħhom, huma determinanti. Għalhekk, ma hijiex "indikazzjoni simili", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, dik li tirreferi biss għal aspetti speċifiċi tal-prodott bijoċidali mingħajr ma tiċħad l-eżistenza ta' eventwali effetti sekondarji dannużi.

24 Fir-rigward ta' diżinfettant bħal fil-każ tal-prodott inkwistjoni, dik il-qorti tosserva li l-konsumatur medju raġonevolment informat u avżat jinterpreta l-indikazzjoni "jirrispetta l-ġilda" biss bħala relativizzazzjoni tal-effetti sekondarji dannużi tiegħu. Għalhekk, din l-indikazzjoni ma tagħmilx lill-konsumaturi inqas kritiċi fir-rigward tal-użu tal-prodott inkwistjoni. Dan il-fehim tal-pubbliku huwa msaħħaħ mill-obbligu ta' ttikkettjar previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 528/2012.

25 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tqis li, peress li ż-ZBUW ma tistax tressaq l-azzjoni tagħha għal inibizzjoni tar-reklamar li jindika l-prodott inkwistjoni bħala li "jirrispetta l-ġilda" abbażi ta' ksur tal-projbizzjoni ta' qerq tal-utent prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012, l-interpretazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament hija, f'dan il-każ, rilevanti.

26 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kunċett ta' '[kwalunkwe] indikazzjoni simili [oħra]', fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament [Nru 528/2012] ikopri biss indikazzjonijiet inklużi f'reklam li, bħat-termini elenkati b'mod espliċitu [fl-imsemmija dispożizzjoni], jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali fir-rigward tar-riskji tiegħu għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu b'termini ġenerali li jnaqqsu s-sinjifikat tagħhom, jew '[kwalunkwe] indikazzjoni simili [oħra]' tkopri l-indikazzjonijiet kollha li, fir-rigward tar-riskji tal-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu, jużaw termini li jnaqqsu s-sinjifikat tagħhom b'mod komparabbli għat-termini elenkati b'mod espliċitu iżda mingħajr ma jkollhom neċessarjament kontenut [ġenerali] bħal dawn tal-aħħar?".

Fuq id-domanda preliminari

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tinkludi kull indikazzjoni fir-reklamar li tirrigwarda prodotti bijoċidali li, bħall-indikazzjonijiet msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, tnaqqas s-sinjifikat tar-riskji li prodott bijoċidali jista' jkollu għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu, mingħajr madankollu ma tkun ta' natura ġenerali.

28 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kliem tagħha, il-kuntest li minnu tifforma parti u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Défense Active des Amateurs d'Armes *et*, C-234/21, EU:C:2024:200, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dak li jikkonċerna l-kliem tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 528/2012, dan il-paragrafu jipprevedi, fl-ewwel sentenza tiegħu, li r-reklamar għall-prodotti bijoċidali ma għandux jagħmel referenza għall-prodott b'mod li jista' jqarraq lill-utent fir-rigward tar-riskji li tali prodott jista' jippreżenta għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu. It-tieni sentenza tal-imsemmi paragrafu tippreċiża li, fi kwalunkwe każ, ir-reklamar ta' prodott bijoċidali ma għandux jinkludi l-indikazzjonijiet "prodott bijoċidali b'riskju baxx", "mhux tossiku", "mhux ta' ħsara", "naturali", "favur l-ambjent", "favur l-annimali" jew kwalunkwe indikazzjoni simili oħra.

30 Fir-rigward b'mod partikolari tal-kunċett ta' "kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem "kwalunkwe indikazzjoni" u "simili [oħra]" jintużaw b'referenza għall-indikazzjonijiet elenkati f'din is-sentenza, jiġifieri "prodott bijoċidali ta' riskju baxx", "mhux tossiku", "mhux ta' ħsara", "naturali", "favur l-ambjent" u "favur l-annimali".

31 Minn naħa, mill-formulazzjoni ta' dawn l-indikazzjonijiet jirriżulta li dawn jikkontradixxu, mill-kliem tagħhom stess, l-eżistenza tar-riskji differenti fuq il-bnedmin, l-annimali u l-ambjent li jinkludu l-prodotti bijoċidali, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mal-premessa 1 tiegħu, minħabba l-karatteristiċi intrinsiċi tagħhom u l-użu assoċjat magħhom.

32 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 ma fih ebda indikazzjoni li l-projbizzjoni tal-użu fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali hija limitata biss għall-indikazzjonijiet ġenerali.

33 Għaldaqstant, mill-kliem tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 jirriżulta li n-natura komuni tal-indikazzjonijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni tinsab fil-fatt li dawn jnaqqsu s-sinjifikat tar-riskji li l-prodotti bijoċidali jista' jkollhom għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom, jew saħansitra jiċħdu l-eżistenza ta' dawn ir-riskji, mingħajr madankollu ma jkunu neċessarjament ta' natura ġenerali.

34 Fir-rigward tal-kuntest tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li, kif jirriżulta mill-premessa 61 ta' dan ir-regolament, element essenzjali tas-sistema stabbilita mill-imsemmi regolament huwa, b'mod partikolari, l-komunikazzjoni effettiva tal-informazzjoni dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-prodotti bijoċidali. Għalhekk, ir-reklamar tal-prodotti bijoċidali għandu jippermetti lill-konsumaturi jiksbu livell ta' informazzjoni suffiċjenti dwar ir-riskji assoċjati mal-użu ta' dawn il-prodotti sabiex ma jissottovalutawx dawn ir-riskji u jagħmlu għażla informata meta jixtru tali prodotti.

35 Sussegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 għandu jinqara flimkien mar-regoli dwar l-ittikkettjar tal-prodotti bijoċidali previsti fl-Artikolu 69 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, moqri fid-dawl tal-premessa 53 tal-imsemmi regolament, jirriżulta li l-ittikkettjar ta' tali prodotti jipprovdi lill-konsumaturi informazzjoni dwar dawn li jippermettulhom jagħmlu għażla informata u jinkludi b'mod partikolari l-indikazzjonijiet ta' perikolu u l-pariri ta' prudenza msemmija fid-Direttiva 1999/45 u fir-Regolament Nru 1272/2008.

36 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 528/2012 jistabbilixxi, f'sentenza waħda, il-projbizzjoni li l-ittikkettjar tal-prodotti bijoċidali ma jistax jiżgwida fir-rigward tar-riskju li dawn il-prodotti jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom, u jipprovdi li, fi kwalunkwe każ, dan l-ittikkettjar ma għandux jinkludi l-indikazzjonijiet elenkati fih u li huma identiċi għal dawk previsti fl-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament, li huma manifestament qarrieqa.

37 F'dan il-kuntest, għandu jitqies li l-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 jistabbilixxi leġiżlazzjoni ġenerali tar-reklamar tal-prodotti bijoċidali li hija bbażata fuq ir-reazzjoni tal-konsumaturi f'dak li jirrigwarda l-perċezzjoni tar-riskji li dawn il-prodotti jista' jkollhom għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent u li tapplika indipendentement mir-riskji u mill-karatteristiċi effettivi tal-imsemmija prodotti.

38 L-indikazzjonijiet imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012, inkluża l-indikazzjoni "kull indikazzjoni simili [oħra]", jikkostitwixxu eżempji ta' indikazzjonijiet li huma manifestament qarrieqa fir-rigward tal-imsemmija riskji u għalhekk huma s-suġġett ta' projbizzjoni ta' użu fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali prevista fl-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament.

39 Minn dan isegwi li, fir-rigward tar-rilevanza tal-allegata natura ġenerali tal-indikazzjonijiet imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament, indikazzjoni kemm ġenerali kif ukoll speċifika tista' manifestament tqarraq lill-utent fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-użu tal-prodotti bijoċidali billi tnaqqas is-sinjifikat tar-riskji li dawn il-prodotti bijoċidali jista' jkollhom għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom, jew anki billi tiċħad l-eżistenza ta' dawn ir-riskji, b'tali mod li tali natura ġenerali ma tistax tkun rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk indikazzjoni li tirrigwarda prodott bijoċidali taqax taħt il-kunċett ta' "kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tal-istess regolament.

40 Fir-rigward tal-għan imfittex mir-Regolament Nru 528/2012, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament, moqri fid-dawl tal-premessa 3 tiegħu, l-għan ta' dan ir-regolament huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni li l-għan tiegħu huwa li jiġu ppreservati s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Biofa, C-29/20, EU:C:2021:843, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tal-imsemmi regolament, li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jagħtu lill-pubbliku ġenerali l-informazzjoni adegwata dwar il-benefiċċji u r-riskji assoċjati mal-prodotti bijoċidali kif ukoll dwar il-modi ta' kif għandu jitnaqqas l-użu tagħhom.

42 Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried ifittex bilanċ speċifiku bejn il-moviment liberu tal-prodotti bijoċidali u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll tal-ambjent (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, CIHEF *et*, C-147/21, EU:C:2023:31, punt 64).

43 Għal dan l-għan, permezz tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jfassal, b'mod iddettaljat u komplet, il-formulazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar ir-riskji assoċjati mal-użu tal-prodotti bijoċidali li jistgħu jidhru fir-reklamar li jirrigwarda dawn il-prodotti, sa fejn dan l-artikolu jipprevedi l-eżistenza ta' indikazzjoni obbligatorja, li jipprojbixxi espressament ċerti indikazzjonijiet u li huwa intiż, b'mod iktar ġenerali, sabiex jipprojbixxi kull indikazzjoni ta' reklamar li jista' jqarraq lill-utent fir-rigward tar-riskji li tali prodotti jistgħu jippreżentaw (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, CIHEF *et*, C-147/21, EU:C:2023:31, punt 63).

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, kif jirriżulta mill-punt 33 ta' din is-sentenza, indikazzjonijiet li la jnaqqsu s-sinjifikat tar-riskji u lanqas jeskludu r-riskji li dawn il-prodotti bijoċidali jistgħu jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom ma jaqgħux, bħala prinċipju, taħt il-projbizzjoni tal-użu fir-reklamar tal-prodotti bijoċidali prevista fl-Artikolu 72(3) ta' dan ir-regolament.

45 Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi permess l-użu ta' indikazzjonijiet ta' reklamar għal prodotti bijoċidali li jirreferu għall-assenza ta' riskji jew għal riskju baxx jew għal ċerti effetti pożittivi ta' dawn il-prodotti sabiex jnaqqsu s-sinjifikat ta' dawn ir-riskji, jew saħansitra jiċħdu l-eżistenza tagħhom. Kif irrilevat, essenzjalment, il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, tali indikazzjonijiet jistgħu jiffavorixxu użu eċċessiv, negliġenti jew żbaljat tal-imsemmija prodotti, kuntrarjament għall-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu tagħhom.

46 F'dan il-każ, fir-rigward tal-indikazzjoni "jirrispetta l-ġilda" użata fir-reklamar tal-prodott bijoċidali kkonċernat, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali indikazzjoni li għandha, *prima facie*, konnotazzjoni pożittiva li tevita l-evokazzjoni ta' kwalunkwe riskju, tista' tirrelativizza l-effetti sekondarji dannużi ta' dan il-prodott, jew, kif isostnu l-Gvern Elleniku u l-Kummissjoni, essenzjalment, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, tagħti x'tifhem li l-imsemmi prodott jista' saħansitra jkun ta' benefiċċju għall-ġilda. Issa, tali indikazzjoni hija ta' natura qarrieqa li tiġġustifika l-projbizzjoni tal-użu tagħha fir-reklamar tal-istess prodott, fis-sens tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012.

47 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li, skont l-indikazzjoni obbligatorja prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 528/2012, ir-reklamar għandu jindika, b'mod ċar u li jinqara faċilment li l-prodotti bijoċidali għandhom jintużaw b'prekawzjoni u li wieħed għandu jaqra t-tikketta u l-informazzjoni li tikkonċernahom qabel kwalunkwe użu. Kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-qari tat-tikketta jista' saħansitra jneħħi l-attenzjoni tal-konsumaturi minn informazzjoni oħra li tinsab fuqha.

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li t-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament Nru 528/2012 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jinkludi kull indikazzjoni fir-reklamar li tirrigwarda prodotti bijoċidali li, bħall-indikazzjonijiet msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, tirreferi għal dawn il-prodotti b'mod li jista' jqarraq lill-utent fir-rigward tar-riskji li dawn jistgħu jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom, billi jitnaqqas s-sinjifikat ta' dawn ir-riskji, jew anki billi tiġi miċħuda l-eżistenza tagħhom, mingħajr madankollu ma din l-indikazzjoni tkun neċessarjament ta' natura ġenerali.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni imqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

il-kunċett ta' "kwalunkwe indikazzjoni simili [oħra]", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jinkludi kull indikazzjoni fir-reklamar li tirrigwarda prodotti bijoċidali li, bħall-indikazzjonijiet msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, tirreferi għal dawn il-prodotti b'mod li jista' jqarraq lill-utent fir-rigward tar-riskji li dawn jistgħu jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tagħhom, billi jitnaqqas s-sinjifikat ta' dawn ir-riskji, jew anki billi tiġi miċħuda l-eżistenza tagħhom, mingħajr madankollu ma din l-indikazzjoni tkun neċessarjament ta' natura ġenerali.

Firem